MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru. 1307/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Martin Sammut)**

**VS**

**PHILIP GALEA ta’ 26 sena, iben George u Catherine nee’ Aquilina, imwieled fl-20 ta’ Novembru 1984 u residenti 8, Viani Street, Sliema detentur tal-karta ta’l-identita 564484(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta’ Ottubru 2006, f’xi hin bejn is-siegha (01:00hrs) u is-siegha u nofs (01:30hrs) ta’ filghodu, gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Koyote sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan u kif ukoll fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Klenvin Falzon, u dana bi ksur ta'l-artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Keith Buttigieg, u dana bi ksur ta'l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Darrell Micallef, u dana bi ksur ta'l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. hebb kontra Klenvin Falzon, Keith Buttigieg u Darrell Micallef, sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew ighamillhom hsara u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied u dana bi ksur ta'l-atikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat l-kunsens ta'l -Avukat Generali tal-14 ta' Dicembru 2006.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza jirrizulta illi inqala' incident bejn grupp ta' zaghzagh u xi bouncers, wiehed minnhom l-imputat, hdejn l-istabbiliment bl-isem Koyote gewwa San Giljan. Illi hemm qbil ghar-rigward ta' dak li ippreceda l-incident, izda l-partijiet u cioe' l-imputat u l-parti leza ma qablux dwar dak li sehh fil-mument tal-"glieda". Jidher illi f'dik il-lejla it-tlett kwerelanti Klenvin Falzon, Keith Buttigieg u Darrell Micallef flimkien ma' xi hbieb taghhom irhewla lejn id-diskoteka Koyote. Illi sabiex wiehed jaccedi ghal dana l-istabbiliment jidher illi hemm tarag illi huwa maqsum b'*handrail* it-tul tieghu kollu. Min-naha l-wahda il-klijenti jaccedu ghall-istabbiliment, filwaqt illi min-naha l-ohra huma johorgu 'l barra minnu. Jidher illi

uhud miz-zaghzagh kienu lahhqu telghu dan it-tarag, izda wiehed minnhom u cioe’ Keith Buttigieg tela’ min-naha l-hazina. Kif wasal fil-parti ta’ fuq gie imwaqqaf mill-bouncer Elian Mallia li gibidlu l-attenzjoni ghal dana u Buttigieg ghalhekk nizel u mar biex jitla min-naha it-tajba tat-tarag u cioe’ dik il-parti li taghti access ghall-istabbiliment. Jidher illi meta huwa kien qed jaghmel dana beda jaqbez xi nies li kienu fil-kju sabiex jidhlu. Dana jistqarru kemm l-imputat[1], kif ukoll Keith Buttigieg stess[2] li in kontro-ezami jammetti illi huwa qabez xi nies li kienu fil-kju. Fuq dina n-naha tat-tarag u cioe’ mal-entratura kien hemm l-imputat li ighid illi huwa osserva illi l-imgieba ta’ Buttigieg ma kenitx ghal kollox normali, peress illi anke ftit tal-hin qabel kien osservah ighajjat u jkanta fit-triq u ghalhekk beda jissuspetta li seta kien xurban. Ghalhekk kif Buttigieg wasal hdejh qallu li ma kienx ser ihallih jidhol gewwa l-istabbiliment u tallbu jitlaq. Hawnhekk Buttigieg hassu urtat. Fil-fatt fix-xhieda tieghu in kontro-ezami jghid: **“Jiena irrabjajt u ippretendejt li niehu tieghi.”**[3] Minn hawn ‘il quddiem ma hemmx qbil ghar-rigward ta’ dak li sehh. Filwaqt illi z-zaghzagh isostnu illi kien l-imputat li xejjer l-ewwel daqqa ta’ ponn lil Buttigieg u minn hawnhekk inqalghet il-glieda, l-imputat, kif ukoll Elian Mallia isostnu illi kienu iz-zaghzagh illi hawnhekk aggredew lill-imputat u ghalhekk f’dana il-mument isejjhu bouncers ohra minn stabbilimenti vicini li waslu fuq il-post sabiex jiddefendu lil shabhom. Illi f’dina t-taqtiegha jidher illi sofrew xi griehi it-tlett zaghzagh, u cioe’ Klenvin Falzon sofra griehi ta’ natura gravi, filwaqt illi Keith Buttigieg u Darrell Micallef sofrew griehi ta’ natura hafifa[4], filwaqt illi l-imputat isostni illi huwa ukoll sofra xi griehi u anke qattghulu hwejjgu f’dina it-taqtiegha. Jidher ukoll illi ittiehdu proceduri kriminali ukoll kontra dawn it-tlett zaghzagh izda jidher illi l-imputat u Elian Mallia haffrulhom ghall-akkadut u irrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront taghhom.

---

[1] Ara xhieda a fol.104 et seq.
[2] Ara xhieda ta’ Buttigieg a fol.99
[3] Ara fol.99
[4] Ara xhieda ta’ Dr. Mark Camilleri a fol.22 u 31 kif ukoll ic-certfikati medici Dokumenti PG1, PG2 u PG3 a fols. 19, 20 u 21

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward tal-parti leza Keith Buttigieg, l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat li jikkoncernaw lill-istess Buttigieg, huma t-tieni u r-raba akkuza. Illi sabiex jirnexxu dawna iz-zewg imputazzjonijiet jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza. Illi fil-kors tax-xhieda tieghu a fol. 98 et seq, Keith Buttigieg irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat. Ighid: **"Ghandi nghid illi wara dana l-incident, irrangajt il-kwistjonijiet li kellna jiena u Philip Galea. Ahna hadna b'idejn xulxin u jiena hfirtlu ghall-incident u hu hafirli ukoll. Din kienet xi haga reciproka."** Ikompli iktar 'il quddiem: **"… Nghid illi jiena m'ghadniex interessat aktar li jitkomplew dawn il-proceduri kriminali fil-konfront ta' l-imputat Philip Galea peress illi kif diga xehdt ahna hfirna lil xulxin ta' dana l-incident u ghalhekk ghandi nghid illi jiena hfirtlu ghal dak li sehh u qed nirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu."** Ghaldaqstant fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjoni ma hemmx x'jinghad iktar u l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment esawrit.

Illi fir-rigward tal-parti leza Darrell Micallef, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta'l-istess Micallef u dana precizament a folio 43 sa 45 fejn huwa jghid testwalment: "**Nghid illi jiena Philip Galea ma sawwatni fl-ebda hin ghaliex kien qed isawwat lil Keith Buttigieg."** Fil-fatt dana Micallef jistqarr illi kien Elian Mallia li lilu beda jsawtu fuq sidru u mhux l-imputat li jidentifikah biss bhala l-persuna li beda l-glieda. Illi ghaldaqstant fil-konfront tal-parti leza Darrell Micallef l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat ma jistghux jirnexxu. Illi l-imputat jinsab akkuzat fil-konfront ta' Micallef illi huwa ikkagunalu feriti ta' natura hafifa u dana fit-tielet akkuza u illi hebb ghalih. Illi mid-deposizzjoni ta' Micallef stess jidher illi fl-ebda hin l-imputat ma hebb ghalih ghaliex kif jghid hu stess, l-imputat kien okkupat isawwat lil shabu u fl-ebda hin ghalhekk ma hebb ghalih.

Jibqghu ghalhekk biex jigi ikkunsidrati l-ewwel akkuza dwar l-offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Klenvin

Falzon u l-akkuza dwar il-hebb fil-konfront ta’l-istess u l-ahhar akkuza kontravenzjonali dwar il-ksur tal-paci pubblika u l-bon ordni.

Ikkunsidrat,

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi Klenvin Falzon sofra griehi ta’ natura gravi f’dana l-incident a tenur ta’l-artikolu 216(b) tal-Kapitolu 9. Kif jirrizulta mic-certifikat mediku esbiet a fol. 19 bhala Dokument PG1, Falzon sofra fost affarijiet ohra qasma ta’ madwar zewg centimetri magenb ghajnejh ix-xellugija, liema certfikat mediku gie ikkonfermat mit-tabib Mark Camilleri li irrilaxxjah. Illi l-istess parti offiza tikkontendi illi dina l-ferita giet ikkagunata mill-imputat odjern. Ighid illi meta huwa mar biex jaqbez ghal siehbu Keith Buttigieg, l-imputat dar ghal fuqu u minghajr ebda raguni tah daqqa ta’ ponn fuq ghajnejh. Illi min-naha tieghu Keith Buttigieg, li kien prezenti il-hin kollu waqt it-taqtiegha, jghid illi meta Galea qallu biex ma jidholx gewwa l-istabbiliment, imbuttah, huwa kien ser jaqa’ u ghalhekk imbotta hu wkoll lil Galea, li tefghu imbaghad fl-art u beda jaghtih. F’daqqa wahda jghid illi waslu xi tmin bouncers ohra peress illi sema lil Galea ighajjat il-kliem **“Back up!”.** Ikompli: “**Ghandi nghid illi kif shabi rawni ma’l-art huma it-tnejn** (u dana b’refrenza ghal Falzon u Micallef), **telghu sabiex jiddefenduni. Ghandi nghid illi kif telghu hdejja shabi bdew jaqilghu d-daqqiet ukoll mieghi. Nghid illi partikolarment kien Klenvin Falzon illi sofra griehi gravi ghaliex imbaghad gew is-security u l-bouncers l-ohra.”** Ikompli **“Ghandi nghid illi f’dak il-mument gew bouncers ohrajn u kollha inqbadna f’taqtiegha wahda.”**[5] Darryl Micallef min-naha tieghu isostni: **“Rigward Klenvin Falzon nghid illi ghall-ewwel beda jaghtih Philip Galea pero’ sussegwentement gew is-securities l-ohra fuqu. Nghid illi jiena rajt lil Philip Galea isawwat lil Klenvin Falzon kemm bis-sieq u kemm b’idejh”.**[6] Flimkien ma’ dawn it-tlett zaghzagh jidher illi kien hemm zewg zaghzagh ohra li ma involvewx

[5] Ara xhieda Keith Buttigieg a fol.38 et seq.
[6] Ara xhieda Darrell Micallef a fol. 43 et.seq.

rwiehom f'dina l-glieda. Minn dawn it-tnejn wiehed biss jingieb bhala xhud u cioe' Christian Curmi li jghid fix-xhieda tieghu illi kif Keith Buttigieg kien qed jigi aggredit, huwa ra lil Falzon javvicina lill-imputat sabiex jistaqsieh ghaliex kien qieghed iwegga lil siehbu. Ikompli ighid illi vicin l-imputat kien hemm bouncer iehor. Ighid: **"Dana il-bouncer l-iehor imbotta lil Klenvin. F'daqqa wahda inqlaghet glieda u bdjet nara bouncers gejjin minn kullimkien."** Hawnhekk ikompli ighid illi Micallef dahal ukoll fil-glieda fejn spiccaw jiggieldu disa' bouncers kontra t-tlett shabu. Ikompli: **"Niftakar illi dak il-hin rajt lil Keith ghadu wiccu ma'l-at bil-bouncer** (u dana b'referenza ghall-imputat) **qed izommlu jdejh u rajt ukoll iehor minn shabi qed jimbuttah u li kien kwazi wasal biex jaqa' t-tarag. Ma niftakarx min kien dan il-habib. Niftakar li rajt iehor jaqla' bil-ponn u cioe' dana kien Klenvin Falzon u rajtlu li kellu anke qsim fuq ghajnejh. Ikompli ighid illi kien hemm tgegwigija shiha"**. Illi ghalhekk mix-xhieda taz-zaghzagh li kienu prezenti u li kienu involuti direttament f'dana l-incident, huwa biss Klenvin Falzon li jghid illi l-imputat tah daqqa ta' ponn fuq ghajnejh. Micallef jghid illi Galea tghah xi daqqiet izda Falzon qala daqqiet ukoll minn bouncers ohra, filwaqt li l-ohrajn isostnu illi kien biss meta intervjenew il-bouncers l-ohra illi Falzon spicca imsawwat. Illi l-Qorti ghalhekk fid-dawl ta' dana il-kunflitt fix-xhieda ma tistax tasal biex tistabilixxi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi kien l-imputat illi ikkaguna il-ferita fuq ghajnejn Falzon u cioe' il-ferita ta' natura gravi u dana peress illi fit-taqtiegha kienu involuti diversi nies ohra li setghu ukoll ikkagunaw dina l-offiza.

Illi dana huwa ukoll imsahhah mix-xhieda ta'l-imputat, ta' Elian Mallia u ta' Joe Rivans li min-naha taghhom isostnu illi l-imputat kien qed jigi imsawwat minn grupp zaghzagh u li anke f'hin minnhom kien qieghed kobba fl-art jaqla' id-daqqiet. L-imputat fil-fatt isostni illi huwa kellu jidhol **'il gewwa u mar biex jiddewwa ghax kellu xi dmija fuq wiccu u anke kellu hwejjgu u l-ear piece imqatta'**.[7] Fil-fatt l-imputat u ix-xhieda mressqa minnu isostnu illi kien

[7] Ara xhieda ta'l-imputat a fol 107, xhieda ta' Joe Rivans a fol.116 u 117 u xhieda ta' Elian Mallia a fol.60.

hemm madwar sebgha zaghzagh involuti f'dina t-taqtigha u mhux l-parti leza biss. Joe Rivans b'mod patikolari isostni illi meta wasal fuq ix-xena huwa ra lill-imputat kobba ma'l-art u kien hemm zaghzugh li kien fuqu. Dak il-hin fil-fatt ighid illi mar jigi sabiex jaqla lil dana z-zaghzugh minn fuq l-imputat. Osserva illi l-imputat kien imwegga u kien jidher zmattat. Dana iwassal lil Qorti ghal konkluzjoni illi dawn iz-zaghazagh ma kenux ghalhekk biss vittmi ta' dana l-incident izda kienu kompartecipi ukoll, tant illi fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghhom ukoll ghar-rigward ta' dana l-incident.[8]

Ghaldaqstant il-Qorti tistqarr illi dawn ir-risultanzi processwali ma jistghu qatt iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-kamp penali la fir-rigward ta'l-ewwel akkuza u lanqas fir-rigward ta'l-akkuza kontravenzjonali tal-hebb fil-konfont ta' Klenvin Falzon.

Illi fl-ahharnett ghar-rigward ta'l-ahhar akkuza, id-difiza fil-kors tat-trattazzjoni taghha sahhqet illi l-azzjoni kriminali fir-rigward ta'l-istess hija milquta bil-preskrizzjoni timestrali u dana a tenur ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qorti hanwhekk hija tal-fehma illi id-difiza ghandha ragun. Jidher illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fl-14 ta' Dicembru 2006 quddiem dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta. Fl-ewwel appuntament quddiem dik il-Qorti fl-24 ta' Jannar 2007 (meta allura il-perijodu ta' tlett xhur kien diga iddekorra), l-imputat ma deherx u ma giet esebita l-ebda riferta ta' notifika maghmula lilu. Illi fl-1 ta' Frar 2007, imbaghad dina l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta u fl-ewwel appuntament tat-12 ta' Marzu 2007, l-imputat deher u bdiet tinstema l-kawza. Il-Prosekuzzjoni qatt ma esebiet riferta sabiex tindika meta l-imputat fil-fatt gie notifikat bl-akkuza u sabiex ghalhekk tindika meta inkiser il-perijodu preskrittiv ta'l-azzjoni. Illi l-incident mertu ta' dina l-kawza sehh  fit-8 ta' Ottubru 2006 u ghalhekk certament iktar minn tlett xhur qabel. Ghaldaqstant l-ahhar akkuza kontravvenzjonali hija preskritta skond il-ligi.

---

[8] Ara xhieda Supretendent Martin Sammut a fol.89

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba, filwaqt li tiddikjara il-procediment esawriet ghar-rigward tat-tieni u ir-raba’ akkuza u dana b’referenza ghal parti offiza Keith Buttigieg, u filwaqt li tiddikjara l-azzjoni preskritta fir-rigward ta’l-ahhar akkuza, tillibera lill-imputat mill-kumplament ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq kunflitt ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------